MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2013

Numru. 20/2013

**SPETTUR DARREN BUHAGIAR**
**SPETTUR FABIEN FLERI**
**VS**
**MASSIMILIANO MAURIZIO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Massimiliano Maurizio ta’ 48 sena, bin Giovanni u Luiga nee’ Dellicolli, mwieled l- Italja fit- 28 ta’ Novembru 1964, residenti Poseidon Court, Flat 10, Triq Elia Zammit San Giljan u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 11464A;

Talli;

1) Fil- lejl ta’ bejn it- 3 ta’ Awwissu 2004 u l- 4 ta’ Awwissu 2004, ghall- habta ta’ bejn l- 10.00pm u d- 8.45am, fi Triq Victor Denaro, Msida, ikkommetta serq ta’ car CD stereo tal- marka Pioneer minn go vettura tal-

ghamla Mitsubishi Pajero ta' lewn abjad u numru tar-registrazzjoni KAM 346, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil- hin, bix- xorta tal- haga misruqa u bil- valur, liema valur huwa izjed minn €232.94 izda mhux izjed minn €2,329.37 ghad- detriment ta' Desiree Parnis minn Sliema;
2) U talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq vettura tal- ghamla Mitsubishi Pajero ta' lewn abjad u numru tar- registrazzjoni KAM 346, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma hu izjed minn €116.47 ghad- detriment ta' Desiree Parnis minn Sliema;
3) U talli fit- 22 ta' Marzu 2003 ghall- habta ta' bejn is- 1.30am u s- 6.30am, fi Triq Markiz John Scicluna, Santa Venera ikkommetta serq ta' car CD Stereo tal-marka Sony u mobile phone tal- marka Phillips minn go vettura tal-ghamla Volkswagen Polo ta' lewn iswed u numru tar- registrazzjoni ABL 153, liema serq hu kkwalifikat bil- mezz, bil- hin u bix- xorta tal- haga misruqa u bil- valur, liema valur huwa izjed minn €232.94 izda mhux izjed minn €2,329.37 ghad- detriment ta' Taddeo Spiteri minn Santa Venera;
4) Talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq vettura tal- ghamla Volkswagen Polo ta' lewn iswed u numru tar- registrazzjoni ABL 153, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix €1,164.69 imma hu izjed minn €116.47 ghad- detriment ta' Taddeo Spiteri minn Santa Venera;
5) Talli sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49,50 u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta b' sentenzi mill- Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigbu midbula jew imhassra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

Rat illi dawn ir-reati jirrisalu ghal bejn disa' u ghaxar snin ilu, u ghalhekk il-Qorti mhix ser tapplika piena ta' prigunerija, anke in vista li l-istess imputat ghaddej proceduri penali ohra quddiem din l-istess Qorti;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 49,50,289,261 u 325(1) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna hrug ta' Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Art 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------